# Papri domestiċi qrib ir-Riserva Naturali tas-Salina morda u qed imutu

## Is-sejħiet ta' BirdLife Malta biex tittieħed azzjoni jaqgħu fuq widnejn torox

Wara diversi kummenti fil-midja soċjali b'rabta mal-mewt ta' numru ta' papri domestici qrib ir-Riserva Naturali tas-Salina, BirdLife Malta tixtieq tikkjarifika li hija infurmat lill-aworitajiet kompetenti dwar is-sitwazzjoni, imma sa issa ma ttieħdet l-ebda azzjoni. Ħaddiema ta' BirdLife Malta fir-riserva nnutaw u raw b'għajnejhom għadd ta' papri domestiċi (tat-tip Muscovy) qed imutu, bin-numri qed jiżdiedu kuljum. Dawn il-papri domestiċi jinsabu fuq art li ma taqax taħt ir-responsabbiltà ta' BirdLife Malta, biswit il-kanal li hemm taħt il-livell tat-triq prinċipali viċin l-entratura tar-Riserva Naturali tas-Salina.

BirdLife Malta tkellmet dwar is-sitwazzjoni mal-awtoritajiet governattivi kollha fosthom l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), id-Dipartiment għas-Servizzi Veterinarji, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali u d-Dipartiment tal-Animal Welfare. Huwa ċar ħafna li dawn il-papri huma morda ħafna u flimkien mar-rapporti ġew sottomessi numru ta' ritratti u filmati. BirdLife Malta qed titlob lill-awtoritajiet biex jieħdu azzjoni ħalli tiġi mħarsa l-benesseri tal-papri domestiċi flimkien mal-ħabitat naturali ta' din iz-zona li hija wkoll sit Natura 2000 u Zona Speċjali ta' Konservazzjoni (Special Area of Conservation, SAC).

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana qal: "Is-sitwazzjoni hija gravi u aħna qed nittamaw li l-awtoritajiet jintervjenu biex isolvuha kemm jista' jkun malajr. Ilna ninfurmaw lill-awtoritajiet li dawn il-papri domestiċi huma aljeni għal dan is-sit ta' importanza ekoloġika qawwija u l-fatt li qed jiġu mrobbija mingħajr kontroll huwa ta' detriment għall-bijodiversità tal-inħawi imma wkoll għall-papri nfushom. Fil-fatt, issa huwa evidenti li l-papri mardu u qed imutu b'rata mgħaġġla. Aħna kkomunikajna wkoll mal-ogħla uffiċjali tas-Saħħa Pubblika għax is-sitwazzjoni tista' taħrab minn taħt idejn l-awtoritajiet jekk ma titteħidx azzjoni immedjata. Hemm bżonn li l-papri morda jiġu iżolati biex ikun imħares kulħadd."

Din l-ispeċi ta' papra domestika oriġinat mill-Amerika Ċentrali u l-Amerika t'Isfel u llum saret tajra li ġiet domestikata f'diversi pajjiżi. L-ikbar problema li jiffaċċjaw dawn il-papri hija l-ħtieġa ta' provvista kontinwa ta' ilma ħelu – riżors naturali li f'Malta ma ssibux kif ġieb u laħaq. Din hija waħda mir-raġunijiet għalfejn dawn it-tip ta' papri m'għandhom jitpoġġew qatt u mkien fis-selvaġġ f'Malta, speċjalment f'zoni kostali maġenb il-baħar. Hadd m'għandu jżomm papri bħal dawn sakemm ma jkunx ċert li jista' jipprovdilhom il-kundizzjonijiet adegwati.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ritratti mehmużin:** (Ritratti ta' BirdLife Malta)

1. Ir-Riserva Naturali tas-Salina
2. Iz-zona barra r-riserva mhux immexxija minn BirdLife Malta fejn jinsabu dawn il-papri domestiċi

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-sWQcEYdhvO**

- Il-papri domestiċi fis-Salina (Filmati ta' BirdLife Malta)